MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Numru 26/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**Vs**

Rita Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata Rita Zammit ta' karta ta' identita' numru 220053(M), akkuzata talli gewwa Birzebbugia fil-25 ta' Ottubru 2002 ghal habta tal-hamsa u l-hamsa ta' filghaxija:

1. ikkommettiet serq ta' BOV cashlink card ghad-dannu tal-Bank of Valletta kif ukoll ikkommettiet serq ta' ammont ta' flus li jeccedi l-mitt Lira Maltin izda ma jeccedix l-elf Lira Maltin, liema ammont huwa ta' mitt Lira Maltin

(Lm100) mill-ATM tal-BOV Branch gewwa t-Triq Pretty Bay, Birzebbugia ghad-dannu ta' Maria Anna Farrugia, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok bi ksur tal-Artikoli 267; 268(b), u 269(g).

2. fl-istess data, hin u li b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' l-ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta' Lm100 bi hsara ta' Maria Anna Farrugia, bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet u ezaminat ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputata jittrattaw is-serq u t-truffa u huma mibnija fuq rapport li ghamlet, il-kwerelanta lill-pulizija dwar li kienet ingibdet Lm100 mill-kont taghha mal-Bank of Valletta permezz tal-ATM tramite l-karta ta' kreditu taghha.

L-imputata cahdet l-allegazzjonijiet li kienu saru mill-kwerelanta fil-konfront taghha bbazati fuq suspetti li kienet proprju hi, l-imputata, li kienet gibdet il-flus.

Mill-fatti u l-provi risultanti jidher li l-akkuza ta' truffa ma tistax treggi billi hemm nieqsa l-elementi kostituttivi li huma l-bazi ta' dan ir-reat. M'hemm xejn li, anke remotament, juri jew jista juri li kien adoperat xi mise en scene ossija fatti esterjuri li jaghtu kreditu ghal dawk ir-raggiri.

Dwar l-ewwel akkuza, dik ta’ serq, l-provi juru mod iehor billi kemm indizji anka jekk cirkostanzjali, li fuqhom tista treggi din l-akkuza. Inghad f’dan il-kuntest tal-prova indizzjarja li ta’ spiss hija l-ahjar prova u talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika (Pulizija vs Carmelo Busuttil – 6 ta’ Mejju, 1961).

Ezaminata l-konsistenza ta’ dawn il-provi huma jikkonsistu fil-fatti segwenti:-

- illi d-derubata u l-imputata kienu midhla sew ta’ xulxin u fil-gurnata meta ingibdu l-flus l-imputata kienet marret ghandha tissellef xi sapun. Skond il-kwerelanta l-karta ta’ kreditu ittiehdet minn gewwa l-portmoni taghha waqt li hi kienet telghet fuq igib is-sapun u sussegwentement u wara li d-derubata regghet marret lura ghandha tirritornala s-sapun sabet il-karta ta’ kreditu taht u mhux gewwa l-portmonti taghha.

- illi huma t-tnejn kienu ta’ sikwiet ikunu fil-kumpanija ta’ xulxin meta d-derubata kienet tigbed xi flus.

- mill-fatt ukoll, fil-fehma ta’ dina l-Qorti li hi l-aktar determinanti, li mill-fond tar-residenza tal-imputata gie elevat pitazz (writing pad) li minnu giet imqabla u identifikata l-kitba tal-ittra anonima li kienet irceviet il-Pulizija akkluza s-somma ta’ Lm100 biex tigi imradda lura lid-derubata.

Illi dawn il-provi cirkostanzjali abbinati mall-imputazzjonijiet kien ikollhom il-piz taghhom u din il-qorti kienet ukoll tasal biex issib reita fl-imputata jekk mhux ghall-fattur tad-data li fih allegatament gie kommess ir-reat. Jigi hawn puntwalizzat li l-akkuza isemmi l-gurnata tal-25 ta’ Ottubru 2002 waqt li l-provi juru mod iehor senjament li r-reat sehh fl’ahhar ta’ Awissu 2002. Dan il-fatt ghandu r-rilevanza tieghu billi fid-data tal-akkuza certament ma rrisulta l-ebda reat.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-Qorti qeghda tiddecidi l-kawza billi ma ssibx l-imputata hatja u tilliberha minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------